**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 138, 141, 293 u 394 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 1135/2012***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**PETER (maghruf bhala PIERRE)**
**FALZON**
**(ID: 535060M)**

**Illum, 11 ta' April 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PETER (maghruf bhala PIERRE) FALZON** detentur tal-karta tal-identita' numru 535060(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Awwissu 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' Nutar Pubbliku;

a. approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Antoinette Borg, u Maria Sciberras** (u dan fuq flus relatati ma’ denunzja tas-successjoni tal-mejjet Joseph Carmel Sciberras), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **Joseph Deguara u Theresa Deguara nee’ Agius** (u dan fuq flus relatati ma’ denunzja tas-successjoni tal-mejta Maria Agius), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **Margaret Pace u Carmelo Pace** (u dan fuq flus relatati ma’ denunzja tas-successjoni tal-mejjet Giovanni Pace), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba

l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' **Maria Cini u Joseph Cini** (u dan fuq flus relatati ma' denunzja tas-successjoni tal-mejjet Amante Cini), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

e. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Antoinette Borg, Maria Sciberras, Joseph Deguara, Theresa Deguara nee' Agius, Margaret Pace, Carmelo Pace, Maria Cini u Joseph Cini;

f. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti

fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali netta mmarkata bhala Dok. JA1 a fol. 11 u estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. JA2 a fol. 12 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru, 2014.

Illi nhar id-9 ta’ Lulju, 2013 xehed l-**allura Spettur Ian Joseph Abdilla** u spjega li fl-elfejn u hdax (2011) bdew jircievu numru ta’ rapporti rigwardanti misappropriazzjoni ta’ fondi mghoddija minghand il-klijenti ta’ Nutar Dr. Pierre Falzon ghal xoghol li l-istess Nutar kellu jaghmel u ma sarx. Dawn ir-rapporti li hafna minnhom kienu gew ghandu, hu qasamhom f’diversi kategoriji u ghal-lum f’din il-kawza se jitkellem biss fuq dikjarazzjonijiet *causa mortis* - flus li thallsu lin-Nutar biex jaghmel *causa mortis* liema *causa mortis* ma sarux. Dahlilhom rapport fl-erbgha (4) ta’ Frar, elfejn u hdax (2011) minn certu Lourdes Sciberras. Din Lourdes Sciberras kienet irraportatilhom li hi ghan-nom tal-eredi kollha ta’ Joseph Carmel Sciberras, detentur tal-karta tal-identita’ numru 324231(M), li miet fit-tnax (12) ta’ Frar, tal-elfejn u disgha (2009) kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon biex jaghmlu d-dikjarazzjoni tal-*causa mortis* fil-hdax (11) ta’ Frar, elfejn u ghaxra (2010). Kienu tawh id-dokumenti kollha necessarji biex ikun jista’ jaghmel id-dikjarazzjoni, is-successjoni, d-dikjarazzjoni tal-causa mortis, u ma’ dan id-dokument in-Nutar talabhom ukoll is-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf u mitejn ewro (€21,200) liema somma kienet thallset permezz ta’ cekk biex ikunu jistghu jithallsu t-taxxi kollha dovuti lil gvern u jekk mhux sejjer zball kien hemm ukoll il-*fees* tan-Nutar stess.

Sussegwentement meta ghadda ftit zmien u l-familja Sciberras ma rcievitx karti mid-Dipartiment kienu marru jiccekkjaw u kienu skoprew li din id-dikjarazzjoni tal-causa mortis qatt ma kienet giet irregistrata. F’dan l-istadju huwa esebixxa *complaint* li kienet ghamlet Lourdes Sciberras mis-Siggiewi li giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. JA3.

It-tieni rapport kien dahlihom minghand certu Joseph Deguara. Is-Sur Deguara ghan-nom personali u ghan-nom tal-eredi tieghu ta’ Maria Agius li kienet mietet fis-sitta (6) t’Awwissu, tal-elfejn u disgha (2009) kien spjegalhom li mal-mument li mietet Maria Agius kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon fejn lil dan kienu talbuh jaghmlilhom ix-xoghol kollu necessarju in konnessjoni mad-dikjarazzjoni tas-successjoni causa mortis u ta’ dan kienu hallsu lin-Nutar is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u hames ewro (€3,405) permezz ta’ cekk. Dan biex ikunu jistghu jithallsu t-taxxi kollha dovuti lill-Gvern *plus* seba’ mija u sitta u ghoxrin ewro (€726) fi spejjez notarili.

Sussegwentement kienu skoprew li l-*capital transfers duty* qatt ma nghataw id-dikjarazzjoni *causa mortis* u sussegwentement kellhom jaghmlu dikjarazzjoni ohra quddiem in-Nutar Tonio Spiteri u kienu kellhom jergghu jhallsu s-somma ta’ erbat elef disa’ mija u wiehed u erbghin ewro (€4,941) ghal dan il-ghan.

F’dan il-punt ipprezenta r-rapport li kien sar minghand Joseph Deguara, flimkien anness mieghu ukoll id-dokumenti relattivi nkluz ic-cekk tal-Bank of Valletta li kien gie pprezentat lin-Nutar Pierre Vella, u li gie mmarkat bhala Dok. JA4. Ikkonferma li c-cekk huwa fotokopja.
Ir-raba’ kaz f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ dikjarazzjoni tal-*causa mortis* kienet ghamlitu certu Margaret Pace fis-sbatax (17) ta’ Novembru, elfejn u hdax (2011). Pace kienet ghamlet ir-rapport ghan-nom tal-eredi ta’

Giovanni Pace, detentur tal-karta tal-identita' numru 53872(M) li kien miet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, elfejn u disgha (2009) fejn dawn kienu spjegaw lill-pulizija li fis-sebgha (7) t'Awwissu, elfejn u disgha ( 2009) huma kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon biex jaghmel ix-xoghol kollu necessarju in konnessjoni mad-dikjarazzjoni tas-successjoni causa mortis u ta' dan il-fatt huma kienu hallsu lin-Nutar is-somma ta' disat elef u erba' mitt ewro (€9,400) permezz ta' cekk, u l-istess, minhabba dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' fees notarili.

Sussegwentement kien gie skopert li n-Nutar ma kienx irregistra din id-dikjarazzjoni tal-causa mortis. F'dan l-istadju pprezenta *complaint* li kienet ghamlet mal-Pulizija ta' kontra r-reati ekonomici s-Sinjura Margaret Pace. Maghha annetta ukoll kopja tac-cekk tal-Bank of Valletta, cekk fl-ammont ta' disat elef u erba' mitt ewro (€9,400) li kienu hallsu lil Pierre Falzon. Dawn id-dokumenti gew pprezentati u mmarkati bhala Dok. JA5.

Finalment l-ahhar kaz kien rapport li kien sar minn Joseph Cini. Dan Joseph Cini kien ghamlilhom rapport ghan-nom tal-eredi tal-mejjet Amante Cini detentur tal-karta tal-identita' numru 241141(M) li kien miet fis-sbatax (17) ta' Gunju, elfejn u tmienja (2008). Dan spjegalhom li fl-erbgha (4) t'Awwissu, elfejn u ghaxra (2010) kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon biex jaghmlu in konnessjoni mad-dikjarazzjoni tas-successjoni causa mortis ghal dan il-ghan kienu hallsu lin-Nutar elf hames mija u hamsa u sittin ewro (€1,565) permezz ta' cekk ukoll biex ihallsu t-taxxi dovuti u anke l-ispejjez notarili u li sussegwentement kien irrizulta li dan id-dikjarazzjoni tal-*causa mortis* qatt ma kienet giet registrata sa dak il-punt tar-rapport.

F'dan l-istadju pprezenta bhala Dok. JA6 il-*complaint* li kien ghamel Joseph Cini flimkien ma' kopja tac-cekk tal-Bank of Valletta ghall-valur ta' elf hames mija u hamsa u sittin ewro (€1,565).

Sussegwentement minn hemmhekk raw l-erba' (4) *complaints* li ghandhom x'jaqsmu ma' dan il-kaz. Sussegwentement Dr Pierre Falzon kien ingab Malta permezz ta' estradizzjoni minn Spanja u sussegwentement hu kien baghat ghalih fl-erbgha u ghoxrin (24) t'Awwissu, elfejn u ghaxra (2010) fejn in-Nutar Dr Pierre Falzon kien iddecieda li jirrilaxxa stqarrija fuq dawn il-kazijiet u liema stqarrija kienet ittiehdet wara li Dr Pierre Falzon kien iddecieda li ma jikkonsultax ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel din l-interrogazzjoni.

F'dan l-istadju pprezenta dikjarazzjoni li ghamel in-Nutar f'dan is-sens li giet immarkata bhala Dok. JA7 u l-istqarrija li kien irrilaxxa n-Nutar Dr Pierre Falzon fl-ufficcju tieghu li giet immarkata u pprezentata bhala Dok. JA8. Din l-istqarrija li nghatat wara li nghata t-twissija skont il-ligi, u li qed jaghraf il-firma tieghu, il-firma ta' dak iz-zmien WPC illum WPS103 Marcelle Mifsud. Gharaf ukoll il-firma tan-Nutar Dr Pierre Falzon li kien iffirma fuq it-tlett faccati tal-istqarrija. Gharaf lin-Nutar Dr Pierre Falzon bhala l-imputat prezenti fl-Awla u huwa l-istess persuna li rrilaxxa din l-istqarrija.

In-Nutar kien spjegalhom li minhabba problemi finanzjarji u li minhabba problemi li kien ghaddej minnhom dak iz-zmien ma kienx ghamel dak kollu mitlub minnu mill-klijenti imma kien f'pozizzjoni li jipprova jirranga l-affarijiet. Mistoqsi jekk jikkonfermax li n-Nutar irrilaxxa din l-istqarrija mill-att volontarju huwa spjega li iva. Sussegwentement hu kien ghamel verifiki mal-Capital Transfers Duty Department sa mit-3 ta' Ottubru 2012, jigifieri jekk minn dak iz-zmien 'l hawn irrangax xi affarijiet ohra m'huwiex f'posizzjoni li jghid imma ghandu l-*capital transfers* hemmhekk. Imma mit-3 ta Ottubru 2012 'l hawn, l-ewwel kaz li semma' tal-familja Sciberras kien gie solvut min-Nutar Dr Pierre Falzon u kien gie rregistrat bin-numru referenza CM201101413. It-tieni kaz ta' Maria Agius ma kienx gie rregistrat minghand in-Nutar Pierre Falzon imma minghand in-Nutar

Tonio Spiteri, bin-numru referenza CM201100316. Il-kaz ta' Pace kien ghadu mhux solvut u l-kaz ta' Cini kien gie registrat minghand in-Nutar Pierre Falzon bir-referenza CM201101376.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **Paul Callus** u spjega li huwa Nutar tal-Gvern. Mistoqsi x'gie mitlub jaghmel, spjega li gie mitlub jikkonferma jekk in-Nutar Pierre Falzon huwiex Nutar pubbliku. Fil-fatt ikkonferma li huwa Nutar Pubbliku. Fil-lista ta' Jannar ta' kull sena tohrog lista fil-Gazzetta tal-Gvern, li huma responsabbli li johorguha, fejn ikun hemm lista ta' Nutar ezercitanti Malta u Ghawdex. Fil-fatt fl-ahhar lista li nharget tal-Gazzetta tal-Gvern tat-tmintax (18) ta' Jannar 2012 in-Nutar Pierre Falzon jidher f'din il-lista liema lista giet pprezentata u giet mmarkata bhala Dok. PC1 fejn ikkonferma li n-Nutar Pierre Falzon huwa Nutar Pubbliku. Mistoqsi jekk qieghedx jaghrfu hemm prezenti fl-Awla kkonferma li hu l-imputat odjern.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehdet **Dr. Rachael Azzopardi LL.D.** u spjegat li hija Junior Legal Officer fil-*Capital Transfers Duty Doctorate*. Mistoqsija dwar id-dikjarazzjoni tal-causa mortis ta' Sciberras li miet fit-tnax (12) ta' Frar, elfejn u disgha (2009) hija spjegat li dwar din sabu li d-dikjarazzjoni causa mortis giet pprezentata fis-sitta (6) ta' Lulju, elfejn u hdax (2011). Giet pprezentata fid-dipartiment taghhom min Nutar Pierre Falzon u d-data tad-dikjarazzjoni hija hdax (11) ta' Frar, elfejn u ghaxra (2010). Mistoqsija jekk hux *back dated* hija spjegat iva. Mistoqsija jekk tistax tipprezenta d-dokumenti u jekk hux kollox imhallas m'hemm xejn *due* hija spjegat li fuq dan kollox imhallas ma fadal xejn. Jidher li *assessed as declared* jigifieri m'hemmx u pprezentat id-dokumenti annessi mieghu ukoll, u dawn gew immarkati bhala Dok. AR1.

Mitluba tispjega fuq il-kaz ta' Maria Agius li mietet fis-sitta (6) t'Awwissu elfejn u disgha (2009) hija spjegat dwar dan il-kaz li d-data tad-

dikjarazzjoni hi tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, elfejn u hdax (2011) u giet pprezentata d-dipartiment fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, elfejn u hdax (2011). In-Nutar f'dan il-kaz kien Tonio Spiteri. Mistoqsija jekk dawk qed jigu pprezentati u mmarkati bhala Dok. AR2 hux kollox imhallas hija wiegbet fl-affermattiv.

Mistoqsija dwar Giovanni Pace li miet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, elfejn u disgha (2009) spjegat li d-data ta' dikjarazzjoni hi tmintax (18) ta' Ottubru, elfejn u tnax (2012) u gie pprezentat fit-tletin (30) ta' Ottubru, elfejn u tnax (2012). Hija spjegat li t-timbru ma tantx jidher car però huwa f'Ottubru. Mistoqsija minn min gie pprezentat u mmarkat, stqarret li minn Nutar Nicholas Vella. Id-dokument gie mmarkat u pprezentat bhala Dok. AR3.

Mistoqsija finalment dwar Amante Cini li miet fis-sbatax (17) ta' Gunju, elfejn u tmienja (2008) hija spjegat li f'dan il-kaz id-data ta' dikjarazzjoni causa mortis saret fl-ghaxra (10) ta' Jannar, elfejn u disgha (2009) u giet pprezentata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, elfejn u hdax (2011), Dok. AR4, u kkonfermat li din saret minn Nutar Pierre Falzon.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **Romuald Attard** u spjega li huwa jahdem bhala Senior Manager fil-Legal Office tal-Bank of Valletta. Mistoqsi min sarraf tlett cekkijiet, l-ewwel cekk kellu *number* 238 mahrug mill-kont numru 16306070045 ghall-valur ta' tlett elf, erba' mija u hames ewro (€3,405) u jispjega li skont ir-ricerka li ghamel gie depozitat fil-kont numru 40010965810 u jghajjat lil ELPIREGA Ltd bin-numru ta registrazzjoni tal-kumpanija C28775. Mistoqsi min huma l-firmatarji ta' din il-kumpanija huwa spjega li l-firmatarji ta' din il-kumpanija huma skont ir-*records* tal-Bank Ms. Helen Falzon u n-Nutar Pierre Falzon. Dawn id-dokumenti gew esebiti u pprezentati bhala Dok. AA2.

Mistoqsi dwar it-tieni cekk numru 13 fuq kont 40018306853 ghall-valur ta' disat elef u erba' mitt ewro (€9,400) huwa esebixxa cekk *image* ta' dan ic-cekk li gie mmarkat u pprezentat bhala Dok. AA3. Mistoqsi min sarraf dan ic-cekk spjega li gie depozitat fl-istess kont numru 40010965810 ta' ELPIREGA Ltd. Mitlub jaghtihom d-dettalji tieghu spjega li kienu l-istess, ghax jirriferu ghall-istess kont.

Mistoqsi dwar l-ahhar cekk numru 451 fil-kont numru 10205816021, fl-ammont ta' elf, hames mija u hamsa u sittin ewro (€1,565) huwa esebixxa cekk *image* li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. AA4. Il-Prosekuzzjoni spjegat li dan gie depozitat fil-kont numru 11201601022 u dan il-kont huwa f'isem Ms. Helen Falzon u l-firmatarja hija hi. Dan id-dokument gie mmarkat u pprezentat bhala Dok. AA5.

Illi nhar id-19 t'Awwissu, 2013 riprodott xehed l-**Ispettur Ian Joseph Abdilla** u spjega li fid-dawl ta' dak li xehdu fl-ahhar seduta r-rapprezentanti tal-Banek dwar cekkijiet li kienu gew depozitati f'kont tal-kumpanija Elpirega Limited qieghed jipprezenta l-estratt mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija Epirega Limited bin-numru tar-registrazzjoni C-28775 liema kumpanija giet irregistrata fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, *two thousand and one* (2001). F'dan il-Memorandum and Articles jidher li Dr. Pierre Falzon bin-numru tal-Identita' 535060M u l-mara tieghu Helen Falzon bin-numru tal-Identita' 506761M li dak iz-zmien kienu joqghodu Villa Fusina, Triq S. Zammit, H'Attard huma d-Diretturi ta' din il-kumpanija. Dan il-Memorandum qed jigi pprezentat u mmarkat bhala Dok SG1.

Illi nhar id-19 t'Awwissu, 2013 xehdet **Margaret Pace** u giet mistoqsija jekk in-Nutar Pierre Falzon fuq l-ewwel bank tafux u jekk iva f'liema cirkustanzi tafu . Hija spjegat li tafu, dejjem hadmu bih meta kien ghadu haj ir-ragel, kienu xtraw bini, ghamlu kuntratti, u t-testment. S'hemmhekk

pero' kollox kien tajjeb. Pero meta waslet il-kwistjoni tad-denunzja halliet kollox f'idejh u hemmhekk thoss li giet defrodata. Mistoqsija jekk tiftakarx id-denunzja tar-ragel taghha spjegat li iva. Mistoqsija meta miet ir-ragel taghha stqarret li miet fl-12 ta Marzu, erba' snin u nofs qabel. In segwitu taf li kullhadd qalilha biex taghmel id-denunzja. Hija qalet lit-tifel u hu qalilha "*ma l-papa' kien jahdem bin-Nutar Pierre Falzon*" qalilha "*ghandu rridu mmorru*". U marru. Qalilha, "*All right* Mrs. *Pace issa nirrangalek kollox jiena*". Fdatu, baghtilha kont ta' disat elef u seba' mija (€9,700) u t-tifel qalilha "*ma dan wahhalna t-taxxa l-Gvern*", qalilha "*ikollna nahlsuhom*". Marret taghtu c-cekk iffirmat fis-saghtejn u nofs (2:30pm) ta' wara nofsinhar, hareg ghalih malajr, ma qghaditx tistenna ghal daqshekk, ma kinitx taf li hi trid tircievi li hu rregistrahomlha.

Ghaddew xi sena u nofs, kellha bzonn ta' karta ohra ghax kellha zewg (2) sentrijiet tar-ragel biex taghtihom lit-tfal tat-tifla u tat-tifel, fittxet in-nutar u ma sabitu mkien. It-tifla kienet niezla minn Ta' Qali u rat stragi wara l-bieb tal-*office* tieghu u hemmhekk kienu jafu mbaghad x'kien gara. Mistoqsija jekk id-denunzja saritx hija spjegat li le xejn. Giet mistoqsija rigward Dok. JA5 folio 28 jekk taghrafx li dak huwa r-rapport li hi ghamlet mal-pulizija bil-firma taghha hija spjegat li iva dakinhar kienet mat-tifel. Mistoqsija rigward folio 29 jekk hux dak ic-cekk li ghaddiet fis-somma ta' disat elef u erba' mija (€9,400) hija spjegat li hekk taghtu. Ikkonfermat li ic-cekk kien taghha u kellu il-firma taghha fuqu. Meta miet ir-ragel taghha dan hallieha padruna assoluta u kellha kollox f'idejha. Murija d-dokument a folio 30 u mistoqsija jekk qattx rat dik il-karta u x'inhi, spjegat li ma tafx ghax hija mat-tifel marret, anqas kienet taf fejn trid tmur.

Mistoqsija jekk sa llum il-gurnata tafx x'gara, kellhiex terga' taghmel denunzja ghand haddiehor u jekk saritx id-denunzja spjegat li d-denunzja saret minn Nutar differenti u cioe n-nutar Nicholas Vella. Mistoqsija jekk hallsitx lin-nutar spjegat li iva u li ghandha l-ircevuti kollha. Mistoqsija

jekk haditx flusha lura minghand in-Nutar Pierre Falzon spjegat li ma hadet xejn.

Illi nhar id-19 t'Awwissu, 2013 xehed **Joseph Cini** u mistoqsi jekk jafx lin-Nutar Pierre Falzon spjega li iva jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Mistoqsi f'liema cirkustanza jafu spjega li dejjem uzah bhala Nutar tal-familja taghhom u f'dan il-kaz kien miet il-papa' u ovvjament riedu jaghmlu d-denunzja. Mistoqsi meta miet il-papa' u x'kien jismu qal li kien Amante Cini, u miet fis-17 ta' Gunju 2008. Mistoqsi jekk jiftakarx meta marru ghand in-Nutar spjega li ma jiftakarx ezatt, pero' mhux mill-ewwel zgur, jahseb li fis-sena 2009, xi haga hekk kien. Mistoqsi jghid min marru ighid li mar ma' ommu Maria Cini. Mistoqsi jispjega x'gara u ma garax spjega li kienu mlew l-affarijiet, il-karti kollox u hallsuh tawh cekk bl-ammont li kellhom ihallsu. Ic-cekk issarraf l-ghada ghax kumbinazzjoni jahdem il-Bank u ghandu naqra access ghall-affarijiet pero' ma rcivew xejn bhala rcevuta li kien thalset id-denunzja. Pero' mbaghad wara meta n-Nutar rega' gie lura minn barra kien kkuntattjah u n-Nutar Pierre Falzon hallashielu. Mistoqsi jekk thallsitx wara jew qabel ghamel ir-rapport spjega li wara li ghamel ir-rapport ghand il-pulizija. Muri Dok. JK6 a folio 31 u gie mitlub jikkonferma jekk dak huwa r-rapport li hu ghamel mal-pulizija huwa spjega li dak kien. Mistoqsi jekk ic-cekk li jinsab a fol. 33 huwiex c-cekk ta' elf, hames mija u hamsa u sittin ewro (€1,565) li hareg hu huwa spjega li iva, proprju dak li hallas lin-Nutar. Mistoqsi jekk il-firma hijiex tieghu spjega li l-firma hija tieghu, kollox tieghu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami, mistoqsi jekk ghandux interessat fil-procedeuri pendenti kontra in-Nutar stqarr li m'huwiex. Xtaq li jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali u qed jahfer lin-Nutar ghal ghemilu.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehed **Joseph Deguara** u spjega li ftit wara li kienet mietet oht il-mara tieghu Maria Agius fis-sitta (6) t'Awwissu, 2009,

kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon li qed jaghraf prezenti fl-Awla bhala l-imputat sabiex jaghmlu dikjarazzjoni *causa mortis*.

Effettivament huma minn ghalihom li din id-dikjarazzjoni saret. Sussegwentement fis-sena 2011 huma gew biex ibieghu xi propjeta' u cioe il-fond , 42 Guze' Muscat Street , in Naxxar fejn oht il-mara kellha sehem, liema sehem sussegwentement gie trasferit fuq il-mara u hutha. Pero' meta huma marru ghand in-Nutar Tonio Spiteri sabiex jaghmlu dan il-kuntratt tat-transferiment dan qalilhom illi l-kuntratt ma setghax isir ghaliex il-*causa mortis* li tikkoncerna l-proprjeta' in kwistjoni kienet ghadha ma saritx. Huma fil-fatt lin-Nutar Spiteri qalulu li huma kienu ghamluha, kienu marru ghand in-Nutar Falzon u effettivament kienu sahansitra anke hallsuh.

Mistoqsi mill-Qorti jekk in-Nutar Falzon kienx tahom xi kopja ta' xi Att li effettivament ghamlu quddiemu spjega illi le ma tahomx. Dwar il-flus li huma hallsu spjega ukoll li ma tahomx ircevuta. Jekk jiftakar sew spjega li effettivament huma kienu hallsuh cash tax-xoghol tieghu u cioe' kienu tawh l-ammont ta' *€726.00* u in oltre dan kienu tawh cekk intestat lill-Kummisarju tat-taxxi Interni sabiex jithallas l-gwern u dan bl-ammont ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400). Anzi kkorega ruhu u spjega illi c-cekk ma kienx intestat lit-taxxi interni tawh cekk blank.

Gie muri dokument esebit f'dawn l-Atti mmarkat bhala dokument JA4 jinsab inserit fl-atti a fol. 22 u 23, spjega illi dan huwa r-rapport li huma ghamlu direttament ghand il-Pulizija. A fol. 24 dan huwa c-cekk li kienu taw lin-Nutar sabiex jithallas il-Gvern fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u hames ewro (€3,405). Effettivament a fol. 25 hemm il-lista tax-xoghol li kien ghamel in-Nutar u li kienu hallsuh. Spjega illi dan huwa dokument mahrug min-Nutar Spiteri biex jghidilhom li meta huwa mar biex jaghmel ix-xoghol li talbuh jaghmel ma setghax jaghmlu minhabba l-*causa mortis* ma kinitx giet registrata.

F'fol. 27 hemm dikjarazzjoni meta huma hallsu ghal darb'ohra il-*causa mortis.* Huma din id-darba taw il-flus lin-Nutar Tony Spiteri sabiex ihallasielhom u din hija rcevuta mahruga mis-CIR. Ghalhekk spjega li huma hallsu l-*causa mortis* darbtejn. Hu ghadu ma thallasx lura il-flus li kien hareg. Il-mara tieghu kienet mieghu meta effettivament marru ghand in-Nutar Falzon.

Mistoqsi jekk huma avvicinawx lin-Nutar Falzon wara dak li kien qalilhom in-Nutar Spiteri spjega illi le ma komunikawx aktar man-Nutar Falzon

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehdet **Therese Deguara** u spjegat li hija tigi oht Maria Agius li mietet fis-6 ta' Awissu, 2009. Spjegat illi wara li mietet ohtha flimkien ma' zewgha Joseph Deguara kienu marru ghand in-Nutar li qed taghraf prezenti fl-Awla bhala n-Nutar Pierre Falzon sabiex jaghmlu d-denunzja u taf li hallsuh xi flejjes.

Sussegwentement ftit wara gew biex ibieghu d-dar in kwistjoni cioe' dik gewwa 42, Guze' Muscat Street, Naxxar u kienu marru ghand Nutar iehor din id-darba kienu marru ghand in-Nutar Tonio Spiteri u qalilhom li ma setghux ibieghu din il-proprjeta' peress illi d-denunzja ta' ohthom Maria Agius ma thallsitx. Ghalhekk regghu hallsu d-denunzja mill-gdid sabiex il-proprjeta' tinbiegh u l-proprjeta' nbieghet.

Mistoqsija mill-Qorti jekk akkumpanjatx lir-ragel ghand il-pulizija meta mar jaghmel ir-rapport spjegat illi llum il-gurnata nsiet. Murija d- dokument esebit a fol. 24 u spjegat li dan huwa c-cekk li huma kienu ghaddew lin-Nutar Pierre Fazon sabiex ihallas il-Gvern. Id-dokument a fol. 25 huwa l-*break down* tal-affarijiet li ghamel in-Nutar Pierre Falzon u li a bazi tieghu huma hallsu *cash*. Dik hija dikjarazzjoni maghmulha min-Nutar Tonio Spiteri fejn hemm indikat illi d-denunzja ma thallsitx meta huma kienu

marru ghand in-Nutar Pierre Falzon, u din hija rcevuta li huma ghamlu lil Dr. Tonio Spiteri rigwardanti d-denunzja t'ohtha. Huma hallsu d-denunzja darbtejn.

Mistoqsija jekk ircevewx il-flus lura spjegat illi le huma ma rcevew xejn. Pero' hija qatt ma marret ghand in-Nutar biex tkellmu dwar dakinhar.

Illi nhar it-18 ta' Dicembru, 2014 xehed **Carmelo Pace** u kkonferma li l-familja tieghu kienet ghamlet rapport lill-Pulizija u spjega li dan ir-rapport sar fl-ufficcju tal-allura spettur Abdilla u kienu hallewh ma' WPS 130 Marcelle Mifsud. Spjega li effettivament huwa flimkien ma' ommu kienu marru ghand in-Nutar Pierre Falzon sabiex jaghmlu dikjarazzjoni *causa mortis* peress li kien miet il-papa' tieghu. Ommu jisimha Margaret Pace. Effettivament ommu ma ssuqx u kien hu li wassalha. Spjega li effettivament il-*causa mortis* ghamluha. Huma hallsu lin-Nutar s-somma ta' disa t'elef u erba' mitt ewro (€9,400) u fil-fatt esebixxa kopja ta' dan ic-cekk u fil-fatt gharaf ic-cekk esebit f'dawn l-atti a fol. *twenty nine* (29) mahrug minn ommu Margaret Pace.

Spjega li effettivament dan l-ammont thallas fuq ricevuta li kien hareg l-istess Nutar Pierre Falzon. Effettivament spjega li wara li kien ghadda perjodu ta' sena skoprew li l-*causa mortis* ma kinitx giet registrata. Imbaghad sussegwentement ghamlu diversi tentattivi sabiex jippruvaw ifittxu lin-Nutar Pierre Falzon u naturalment nel frattemp bdew jitilghu l-interessi u l-penali ghaliex effettivament ma kienux ghamlu dan il-hlas. Iddecidew li jmorru ghand il-Crime Unit u jaghmlu dan ir-rapport.

Sussegwentement spjega illi effettivament marru ghand in-Nutar Nicholas Vella u ghamlu l-*causa mortis* mill-gdid u regghu hallsu somma flus pero' din id-darba hallsu s-somma ta' ammont dovut bhala *causa mortis*, l-interessi *plus* il-penali. Spiccaw hallsu tlettax-il elf, disgha mija u wiehed u

tmenin ewro (€13,981). Esebixxa din ir-ricevuta li effettivament juri dan il-hlas li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CP. Spjega illi l-ammont ta' flus illi huma ghaddew lin-Nutar Pierre Falzon ma giex moghti lura lilhom. Gie muri dokument JA5 a fol. 28 u 30, spjega li l-ewwel dokument huwa l-*complaint*, it-tieni dokument huwa c-cekk u t-tielet dokument huwa d-dokument moghti lilhom min-Nutar li a bazi taghha ghamlu l-hlas.

Illi nhar it-18 ta’ Dicembru, 2014 xehdet **Maria Cini** u spjegat li r-ragel taghha Amante Cini kien miet u hija kienet marret ghand in-Nutar Pierre Falzon sabiex taghmel dikjarazzjoni *causa mortis*. Taf li effettivament t-tifel taghha kien hallas xi flus lin-Nutar Falzon sabiex din il-*causa mortis* tigi registrata pero' sussegwentement saru jafu li dan id-dokument ma kienx gie rregistrat. Spjegat illi l-Pierre Falzon in-Nutar hallsuh, in segwitu spjegat li kien hallas il-*causa mortis*.

Illi nhar it-22 ta’ Jannar, 2015 xehdet **Lourdes Sciberras** u spjegat li Nicholas Sciberras, Maria Sciberras u Antoinette Borg huma uliedha. Mistoqsija jekk taghrafx l-imputat odiern spjegat li tafu bhala Nutar u dan peress li kienu jahdmu bih. Tiftakar li meta kien miet ir-ragel taghha kienu marru ghand in-Nutar imputat sabiex jaghmlu d-denunzja. Ir-ragel taghha jismu Joseph Sciberras. Tiftakar li effettivament meta kienu ghamlu d-denunzja kienu ghaddew xi flus lin-Nutar biex id-denunzja taghhom tigi registrata pero' in segwitu meta t-tfal xtaqu jbieghu xi proprjeta' u marru biex ibieghuha sabu li ma setghux ibieghuha ghaliex id-denunzja ma kinitx giet registrata.

Spjegat li effettivament mad-denunzja kienu hallsu xi ghaxar t'elef liri Maltin (Lm10,000) ghalhekk ekwivalenti cirka wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000). Taf illi wara perjodu ta' zmien kien se jaghlaq xi sena, huma regghu kellmu n-Nutar ghax ma xtaqux jehlu l-multa u qalilhom li kien qieghed barra minn Malta. Sussegwentement taf li t-tifla gabet l-indirizz

jew it-telefown ta' fejn kien l-imputat u cemplulu u qallha li ma kienx se jdum ma jigi lura Malta. Imbaghad bdew jisimghu ghajdut illi l-imputat ma kienx se jigi lura Malta u marret titkellem man-Nutar tal-Gvern u qaltilha biex tmur id-Depot taghmel rapport u hekk ghamlet. Spjegat li wara li kienet ghamlet ir-rapport pero', in-Nutar kien gie lura hawn Malta u kien hallashom s-somma flus u ghalhekk illum il-gurnata kemm hi kif ukoll uliedha ma ghandhom jiehdu xejn minghand l-imputat.

Giet murija d-dokument JA3 a fol. 21 u kkonfermat li dan huwa r-rapport li kienet ghamlet hi quddiem l-Ispettur Ivan Cilia u ikkonfermat li meta ghamlet ir-rapport in-Nutar ma kienx ghadu rregistra d-denunzja u llum il-gurnata tiddikjara li kemm hi kif ukoll uliedha thallsu ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghhom.

Illi nhar it-2 ta’ Lulju, 2015 xehdet **Dr. Claudette Fenech** u spjegat li hija tokkupa l-kariga ta’ Legal Advisor mar-Registry tal-Kumpaniji. Giet murija Memorandum of Articles tas-Socjeta' Elpirega Limited li jinsab inserit fl-atti a fol. 68 et sequitur iarkat bhala dokument SG1. Dwar dan spjegat illi dan id-dokument huwa mahrug mill-ufficcju taghhom, huwa original, huwa iffirmat minnha stess u taghraf il-firma taghha fuq dan id-dokument.

Rat illi l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali gew moqrija fit-2 ta’ Frar 2016 u l-imputatat ddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kawa tigi deciza minn din il-Qorti.

**Lourdes Sciberras** xehdet nhar id-9 ta’ Gunju 2017 fejn ikkonfermat li l-imputat m’ghadx ghandu jaghtiha flus, filfatt issalda l-pretensjoijiet taghha ghas-saldu. Hi ma xtaqitx lanqas tiehu proceduri fil-konfront tal-imputat.

**L-imputat Peter sive Pierre Falzon** xehed b’mod volontarju nhar id-9 ta’ Gunju 2017 fejn ikkonferma li hu kien irrilaxxa statement in konnessjoni

mal-kawza odjerna u x-xhud ikkonferma dan l-istess statement fl-intier tieghu. Mistoqsi x'kienu c-cirkostanzi li kien fihom fl-2012 huwa wiegeb li dan kien perjodu meta kien gie lura Malta u dan ghaliex bejn l-2008 sal-2011 kien ghamel hafna zmien barra minn Malta. Kellu l-mara ma tantx tiflah u kien isifirha ta' spiss. Naturalment ix-xoghol tieghu waqa' lura.

Ix-xhud qal li fil-perjodu li huwa kien imsiefer naturalment ma setax jiffirma l-ebda dokumentazzjoni u mbaghad ix-xoghol beda jakkumula u waqa' lura fix-xoghol tieghu u sahansitra anke kien jibghat karti minn barra. Zied jghid li filfatt id-dar kellu xi hamsin elf ewro (€50,000) deposits tan-nies u meta gie lura tahom lura lil sidhom mill-ewwel, pero' xtaq jghid illi l-flus kollha li kellhu l-bank kienu mizmuma peress li kienu koperti u milquta b'mandati ta' sekwestri. Jaf li insegwitu hargulu xi Freezing Order. Sostna li hu seta' ihallas biss affarijiet zghar ghaliex kellhu diffikultajiet biex jaghmel pagamenti.

Sostna illi l-kwistjonijiet ta' causa mortis fil-fatt gieli jkollhom diversi problemi anka fil-kaz inkwistjoni. Qal illi l-flus f'dan il-kaz ma hadhomx ghalih.

In kontro-ezami **Peter sive Pierre Falzon** gie mistoqsi allura fejnhom il-flus ghaliex huwa qal li l-flus ma zammhomx ghalih. Dwar hekk huwa wiegeb li dawn jinsabu l-bank. Qal illi l-flus dovuti lil Cini u ta' Sciberras hallashom kollha, u li fejn seta' jhallas hallas. Huwa qal li jekk mhux sejjer zball f'dawn l-akkuzi l-flejjes ta' Deguara ma hallasx. Jaf illi effettivament il-parte civile kienu kellmuh qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, pero' jekk l-ammont taghhom kien jeccedi certu ammont ma kellux access biex ihallashom. Ikkonferma li huwa gie mitkellem mill-pulizija fl-24 ta' Awwissu 2012 u gja kellu mandati ta' sekwestri. Filfatt dawn kienu saru meta hu kien imsiefer. Qal illi minn mindu gie lura hallas 'l fuq minn tliet mitt elf (300,000). Qal skont ic-cirkostanzi li kellu.

**Helen Falzon** xehdet nhar it-18 ta' Lulju 2017 fejn qalet li hi mizzewwga lill-imputat odjern u cio' nonostante ghazlet li tixhed. Qalet li fl-2009 hija bdiet b'xi checkups medici u ma tantx qaghdet fuq il-pariri li tawha t-tobba lokali u hi flimkien mar-ragel kienu siefru barra. Sostniet li l-affarijiet damu u ma setghatx tirritorna lura Malta qabel ma jkollha rizultat sew ta' dak li effettivament kellha u ma kellhix. Tenniet li r-ragel baqa' maghha. Qalet li hi ma riedet lil hadd minn tal-familja hlief lir-ragel. Ziedet tghid li ghamlet xi zmien gewwa l-isptar San Raffaele, Milan u li fil-fatt ghamlu diversi xhur barra minn Malta ghax it-tobba ma xtaquhiex titlaq minn hemm. F'dak iz-zmien qalet ukoll li kellhom l-impjegati u kienu jmexxu huma. Hi ma riditu bl-ebda mod jigi lura Malta. Qalet li effettivament dan kollu beda fl-2009 u l-inkwiet donnu baqa' sal-2011/12 ghax fil-fatt kien hemm zmien sahansitra meta gew Malta u kellhom jergghu jmorru lura. It-tfal pero' baqghu hawn Malta. Mistoqsija kif effettivament ir-ragel taghha spicca Spanja minkejja li hi qalet li xtaqet li jkun maghha Milan, hija wiegbet li ma tafx ezattament meta kien mar Spanja ghaliex dak iz-zmien taf li kienet vera ma tiflahx u lanqas taf ghaliex effettivament kien mar Spanja. Taf ukoll li kellhom inkwiet ta' xi mandati.

**Dr Yvette Tonna Borg,** addetta bhala Assistent Registratur Qrati u Tribunali Civili, xehdet nhar l-14 ta' Settembru 2017 fejn giet mitluba sabiex tipprezenta lista ta' Mandati li saru fil-konfront tan-Nutar Pierre Falzon u fir-ricerka li ghamlet fil-warrants module tal-Lecam qalet li sabet li kien hemm diversi Mandati u esebiet lista li tindika dawn l-istess Mandati, liema lista giet esebita u mmarkata bhala dokument Z. Mistoqsija jekk effettivament irrizultalhiex li kien hemm xi *Freezing Order* fil-konfront tan-Nutar qalet li iva kien hemm ukoll. Ziedet tghid li huwa r-Registratur tal-Kriminal li huwa responsabbli ghal dawn.

**Dr Yvette Tonna Borg**, addetta bhala Assistent Registratur Qrati u Tribunali Civili xehdet nhar is-17 t'Ottubru 2017 u mistoqsija jekk hargux xi kontro-mandati fuq il-mandati li effettivament kienu gewipprezentati fil-konfront tal-imputat b'mod partikolari l-446/02, 2347/02, 36/03 u 2132/09, spjegat illi t-2347/02 u t-36/03 huma fil-fatt kontro-mandati tal-mandat 446/02 u ghalhekk qalet illi l-mandat 436/02 fil-fatt kien gie ridott permezz ta' zewg (2) kontro-mandati li semmiet.

Fil-kontro-mandat 2347/02 il-Qorti kienet laqghet it-talba fis-sens illi l-mandat ta' sekwestru 446/02 jibqa' fis-sehh sal-ammont ta' tmien t'elef Lira Maltin (Lm8,000) u thalla l-effetti tieghu fuq kull ammont restanti l-iehor, waqt li fil-kontro-mandat l-iehor it-36/03 il-Qorti kienet stqarret illi in vista tal-fatt illi fil-Bank of Valletta kien hemm fondi sufficcjenti biex ikopru l-ammont ta' tmien t'elef Lira Maltin (Lm8,000), ghalhekk biex jigi kawtelat il-kreditu tas-sekwestranti laqghet it-talba tar-rikorrenti n-Nutar Pierre Falzon u ordnat il-hrug ta' kontro mandat limitatament ghall-flus limitatament depozitati fl-HSBC Bank Malta, Lombard Bank plc, APS Bank Limited u zzomm shih u ferm il-mandat kawtelatorju fuq l-ammont iddepozitat fil-Bank of Valletta plc. Waqt li fil-mandat ta' qbid 2132/09 ma gewx ipprezentati kontro-mandati.

**Dr John Seychell Navarro** xehed nhar is-17 ta' Ottubru 2017 fejn xehed ghan-nom u fil-kapacita' tieghu ta' Assistent Registratur ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u ddikjara li m'hux f'posizzjoni li jixhed dwar il-freezing orders li hargu fil-konfront tal-imputat ghax l-informazzjoni kienet ghadha ma gietx moghtija lilu.

**Dr John Seychell Navarro** xehed nhar id-9 ta' Jannar 2018 fejn kkonferma li hemm tliet (3) ordnijiet tal-iffrizar tal-assi fuq l-imputat datati 13 ta' Lulju 2015 - Kumpilazzjoni Numru 144/2013. Hemm ohra mahruga fl-istess data 13 ta' Lulju 2015 - Kumpilazzjoni Numru 135/2013 u ordni ohra

mahruga fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 - Kumpilazzjoni Numru 251/2012. Dawn it-tlett (3) ordnijiet kien ghadhom in vigore sa dakinhar li xehed.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2018 meta l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din l-kawza bhala fatti jirrizultaw is-segwenti:-

Illi kien hemm diversi nies li ttentaw juzaw is-servizzi professjonali tal-imputat u dan sabiex jaghmlu d-dikjarazzjoni causa mortis tal-gheziez taghhom.

Jirrizulta li in effetti dawn l-istess eredi marru ghand in-Nutar imputat u ghaddewlu xi flejjes u dan sabiex huwa jaqdi l-inkarigu moghti lilu minnhom u cioe' sabiex jirregistra d-dikjarazzjoni causa mortis tad-decujus. Illi jiirizulta wara certu zmien li kien hemm cirkostanzi li impedew lill-imputat li in effetti jirregistra dawn l-atti fil-hin u whud minnhom jew gew registrati aktar tard minnu jew min-nutar iehor jew addirittura baqghu sa llum mhux registrati.

Illi jirrizulta li uhud mill-kwerelanti f'din il-kawza ircevew il-flus li huma kienu taw lin-Nutar lura u ohrajn baqghu b'xejn kif ser jigi pruvat waqt l-andament ta' din l-istess kawza.

L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita u cioe' dik l-akkuza naxxenti mill-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu li jikkontempla dan ir-reat in kwistjoni huwa l-**Artikolu 293** tal-Kodici Kriminali - Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull min japproprja ruhu , billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jehel meta jinsab hati ......."*

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprazzjoni indebita huma dawn li gejjin kif elenkati fis-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Concetta Charles** deciza nhar l-20 ta' Settembru 2011.

1. *"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq.*
2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*
3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*
5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita*".

Fuq dan il-punt il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-**Artikolu 293** tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari** dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** - (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

"*il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo*."

**Carrara** fil-ktieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu **Esposizione dei delitti inspecie** (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

"*la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato*."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph Mifsud** deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; **Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar** deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale Italiano** Vol. V pg. 347 jghid:

"*L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Id-difiza sostniet li l-imputat ma kellux id-dolo ghal dan r-reat ghaliex qatt ma kellu l-intenzjoni li ma jhallasx il-flejjes li gew fdati lilu lill-Awtoritajiet pero' kellu bzonn aktar zmien ghaliex in effetti kien sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji molto piu' meta tqis li kien hemm mandati ta' sekwestri fuq il-kontijiet bankarji tieghu.

Il-Qorti thoss li l-imputat kien qed jilghab bil-kliem, u dan ghaliex kif del resto gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Falzon**, element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'*volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro'* [Maino Op. Cit. p. 105].

Huwa minnu li hemm certi awturi bhal **Giovanni Giuffre'** li jghid li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett jinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma [profitt li del resto m'ghandux ghalfejn ikun wiehed pekunarju. Tali intenzjoni izda, jrid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet, timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva w immedjata, li f'dan il-kaz ma sehhitx fir-rigward tal-kwerelanti kollha.

Id-difiza sostniet li fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni ma pprovatx li kien hemm il-konverzjoni tal-flejjes li gew fdati f'idejn l-imputat u cioe' ma pprovatx x'ghamel l-imputat bil-flejjes li gew fdati f'idejh u ghalhekk in vista ta' tali nuqqas ta' prova essenzjali l-akkuza ma tirrizultax. Fit-tieni kaz dan hu wiehed ta' *nemo tenetur ad impossibilia* u dan ghaliex l-imputat ma setax jaghmel il-pagamenti dovuti bil-flejjes li gew imhollija ghandu ghaliex l-kontijiet bankarji tieghu kienu koperti b'mandat ta' sekwestru u ghalhekk l-imputat ma kellux l-likwidita' biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-debiti tieghu. Fit-tielet lok id-difiza sostniet li l-imputat ghamel li ghamel ghaliex huwa sab ruhu f' diffikoltajiet finanzjarji tant li anke sitwazzjonijiet koroh ta' stat ta' sahha infelici ta' martu u minhabba f'hekk ma kienx f'posizzjoni li jonora l-obbligi tieghu. Fir-raba' lok id-difiza sostniet li in effetti l-kwerelanti jew ahjar uhud minnhom kienu irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali. Jinghad pero' kif sostniet il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole'** deciza fit-23 ta' Dicembru, 2003 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminal li "*kwantu ghall-approprijazzjoni indebita*

*aggravata* - **Artikoli 293 u 294** - *galadarba hemm ic-cirkostanza aggravanti kontemplata fl-Artikolu 294, u cioe` li l-flus kienu gew fdati lill-appellat minhabba l-professjoni tieghu, ir-rinunzja tal-kwerela, anke jekk fil-forma tacita ma twassalx ghall-estinzjoni ta' l-azzjoni."* Huwa veru li r-reat ta' approprjazzjoni indebita (**Art. 293**) huwa normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti, pero` fil-kaz in dizamina qed jigi ipotizzat ukoll l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali li jirrendi dak ir-reat prosegwibbli ex-officio. Ghalhekk l-aggravju tad-difiza gie respint.

Illi fil-kaz in desamina ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni xehdu u spjegaw kif huma in effetti kienu ghaddew varji somom ta' flus ghal raguni specifika u cioe' sabiex jaghmlu d-dikjarazzjoni causa mortis tal-varji membri tal-familja taghhom u sabiex l-imputat Nutar jirregistra tali att mal-awtoritajiet kompetenti. Irrizulta pero' ghal raguni jew ohra li l-imputat pero' naqas li jghamel dan fiz-zmien propizju tieghu. Jidher li hemm certu kazijiet fejn ir-registrazzjoni saret tardivament fuq nsistenza tal-kwerelant partikolari pero' ghad hemm xi atti li m'humiex registrati sal-lum minkejja li l-kwerelant partikolari ikun gja ghaddhielu l-flus sabiex dawn jigu mghoddija lil Gvern ta' Malta. L-imputat fl-istqarrija li kien irrilaxxja nhar l-24 ta' Awwissu 2012 esebita fl-atti a fol. 35 mmarkata bhala Dok JA8 ikkonferma li l-flejjes li gew mghoddija lilu ma uzahomx ghall-iskop li gew moghtija lilu, izda huma merfughin ghandu. Cio' nonostante minkejja li huma merfugha ghandu xorta ghadu ma issaldax il-pretensjonijiet tat-terzi persuni kollha li xehdu f'dawn il-proceduri. Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li kien hemm deposit maghmula kemm mill-imputat kif ukoll minn martu Helen ta' flejjes li kellhom jigu mghoddija lil Gvern li minflok gew depositati fil-kont tas-socjeta' Elpirega Limited kif stqarr rapprezentant tal-Bank of Valletta Limited Romauld Attard u ghalhekk f'din l-istanza zgur li tkun saret il-konversjoni li titkellem dwarha il-ligi u cioe' li f'dak il-mument l-imputat ikun approprja ruhu minn tali flejjes.

Kif jispjega l-gurista **Francesco Antolisei,**

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Il-**Maino** fil-ktieb tieghu "**Commento al Codice Penale Italiano",** UTET (Milano), 1922, vol.IV, pagna 104 :

"*La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede*".

Illi jinghad li l-*modus operandi* uzat minn Nutar imputat f'dawn l-erbgha akkuzi hija l-istess fejn si tratta ta' ksur jew vjolazzjoni tal-fiducja mqeghdha fuqu mill-istess kwerelanti. Illi ghalhekk din l-akkuza ta' approprjazzjoni indebita hi aggravata peress li l-flus gew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni u kariga tieghu waqt is-servizz tal-istess.

Dwar il-hames akkuza u cioe' dik disposta fl-Artikolu 138 tal-Kodici Kriminali, l-imputat gie akkuzat li fil-kapacita' tieghu ta' impjegat pubbliku dolozament u bi ksur tad dmirijet tieghu naqas li jaghmel att b'taghkis u bi hsara ghall-kwerelanti imsemmija fl-akkuza. Dwar l-ewwel kwezit ta' dan ir-reat l-Artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:
*"In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.*"

Ghalhekk ma hemmx dubju li n-nutar imputat huwa ufficcjal pubbliku li hu awtorizzat jircievi atti.

Dwar it-tieni rekwizit ta' dan l-istess reat u cioe' l-obbligu li ghandu n-Nutar din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha stess fil-konfront tal-istess imputat nhar is-16 ta' Gunju 2016 fejn il-Qorti ezaminat d-dmirijiet tal-kariga ta' nutar: F'dik is-sentenza il-Qorti qalet li:-

*"Jekk nutar jassumi inkarigu u jaghmel dak ix-xoghol mistenni minnu, w dan ikun konness ma' xi inkarigu addizzjonali, kif kien f'dan il-kaz (u cioe' li jghaddi l-flus minnu migbura), in-nuqqas li jaghmel dak minnu mistenni huwa kbir u dan ghaliex zgur li tali azzjoni ma tkun qatt wahda prevista*".

Fil-fatt il-gurista Carnelluti spjega l-importanza tal-professjoni notarili u jghid li, "*tanto piu' notaio, tanto meno giudice*", cioe' li iktar man-nutar iwettaq dmirijietu tajjeb, inqas hemm htiega li wiehed jirrikorri quddiem il-qrati. Kif ipproceda n-nutar ta lok biex l-kwerelanti sofrew pregudizzju kbir hafna. Fit-twettiq ta' obbligazzjonijiet li huma inerenti ghall-attivita' professjonali tieghu, nutar hu tenut li josserva grad partikolari ta' diligenza li hu superjuri ghal dak tal-persuna medja.

Il-Qorti ta' **Cassazione Italiana** fil-kaz numru 14934 datat 22 ta' Ottubru 2002 stqarret li:- "*in linea di principio va osservato che il notaio richiesto di una prestazione professionale assume gli obblighi derivanti dall'incarico conferitogli dal cliente e, quindi, fanno parte dell'oggetto della prestazione d'opera professionale, anche quelle attivita' preparatorie e successive, necessarie perche' sia assicurata la serieta' e certezza dell'atto giuridico da rogarsi ed in particolare la sua attitudine ad assicurare il conseguimento dello scopo tipico di esso e del risultato pratico volute dalle parti dell'atto".*

Din il-hames akkuza tirrizulta ukoll ben provata.

Dwar is-sitt akkuza l-imputat hu akkuzat li kkometta reat filwaqt li kien ghadu ufficcjal pubbliku u ghalhekk bi ksur tad-dmirijiet tieghu. Din l-akkuza hi ukoll provata u dan ghaliex l-imputat li hu ufficcjal pubbliku qed jinstab hati tar-reati ta' misapproprazzjoni aggravata kif ukoll talli naqas fid-dmirijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni il-gravita` tal-kaz fejn professjonist bhal ma hu Nutar, li ghandu obbligi li jittutela l-ligi u jissalvagwardja d-drittijiet ta' persuni li jirrikorru lejn is-servizzji tieghu, jispicca biex jinganna u jippregudika propju lil min fdah biex jipprotegi l-interessi tieghu.

Rat illi huwa minnu li l-imputat ghandu fedina penali netta pero' ma kienx mistenni altru minn imputat professjonist u ghalhekk hija tal-fehma li ghandha tapplika piena karcerarja.

Rat illi l-imputat gja hallas ammont konsiderevoli tal-ammonti li huwa kien approprja mill-kwerealnti mertu ta' din il-kawza u ghad baqa' biss li jirristitwixxi lil **Margaret Pace** l-ammont ta' disat elef u erba' mitt ewro (€9,400) kif imsemmi fil-kwerela mibghuta minnha fis-17 ta' Novembru 2011 lill-Economic Crimes Unit u lil **Joseph Deguara** s-somma ta' tlett elef, erba' mija u hames ewro (€3,405) peress li dan Deguara, kif stqarr hu stess, kellu ihallas din is-somma darbtejn sabiex id-dikjarazzjoni tal-*causa mortis* tieghu tigi registrata.

Ghalhekk il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 138, 141, 293, u 394 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tiddikjara li qed issib lill-imputat **PETER (maghruf bhala PIERRE) FALZON** hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu pero' hija tal-fehma, sabiex taghmel gustizzja

kemm mal-vittmi ta' dan il-kaz kif ukoll mas-socjeta', li l-piena ta' prigunerija li hija sejra tinfliggi ghandha tkun prigunerija ta' sentejn sospiza ghall-perjodu massimu ta' erbgha (4) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u dan bl-isperanza li l-imputat jirrifondi lura l-krediti dovuti lill-kwerelanti fuq imsemmija fi zmien sitt xhur mil-lum u cioe' s-somma ta' disat elef u erba' mitt ewro (€9,400) lil Margaret Pace u s-somma ta' tlett elef, erba' mija u hames ewro (€3,405) lil Joseph Deguara u dan ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

Din l-ordni ghandha titqies bhala direttiva li tkun qed tobbliga lill-ħati imputat **PETER (maghruf bhala PIERRE) FALZON** sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża u cioe' liz-zewg kwerelanti individwalizzati aktar 'il fuq iz-zewg somom gja indikati ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 190 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi qed tiġi nklużа direttiva bis-saħħa ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tispjega lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-artikolu u jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' dik id-direttiva, ma jkun hemm lebda triq ohra salv li jigi mibghut il-habs.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, il-Qorti tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti u sabiex tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet stante li ma gew esebiti l-ebda oggetti u lanqas ma gew mahtura esperti f'din il-

kumpilazzjoni u jigi dikjarat li ma kien hemm l-ebda inkjesta in konnessjoni ma' din il-kumpilazzjoni.

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qrati Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**